



Brussell, 9 ta' Novembru 2016  
(OR. en)

14232/16

**MI 695  
ENT 203  
CONSUM 273  
SAN 380  
ECO 73  
ENV 701  
CHIMIE 67**

**NOTA PUNT "I/A"**

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Nru dok. Cion: 13062/16 MI 627 ENT 183 CONSUM 236 SAN 349 ECO 62 ENV 649  
CHIMIE 56 + ADD1

Suġġett: Regolament tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi  
– Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

1. L-Artikolu 31(2) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi<sup>1</sup> jiipprevedi proċedura biex jiġu emendati l-annessi III sa VI u VIII ta' dan ir-Regolament.
2. Għalhekk, skont l-Artikolu 5a(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE<sup>2</sup>, il-Kumitat rilevanti ġie kkonsultat fil-21 ta' Settembru 2016. Ittieħed vot bi 23 delegazzjoni jkunu favur l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq.<sup>3</sup>

<sup>1</sup> ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59.

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovd i-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

<sup>3</sup> Ħames delegazzjonijiet ma kinux rappreżentati.

3. Konsegwentement, fis-6 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament<sup>4</sup> imsemmi hawn fuq, f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.
4. Skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jopponi l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi ta' Regolamenti tal-Kummissjoni għar-raġuni li l-miżuri abbozzati ppreżentati mill-Kummissjoni:
  - jeċċedu s-setgħat ta' implementazzjoni previsti fl-istrument bażiku, jew
  - mħumiex kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku, jew
  - ma jirrispettawx il-prinċipji tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità.
5. Fis-7 ta' Ottubru 2016 id-delegazzjonijiet intalbu sabiex jindikaw l-oppożizzjoni possibbli tagħhom għall-abbozz ta' Regolament qabel is-7 ta' Novembru 2016. Ebda delegazzjoni ma qajmet waħda mir-raġunijiet imsemmijin hawn fuq għal oppożizzjoni.
6. Il-Kunitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jikkonferma, bħala punt "A" tal-aġenda tiegħu, li huwa ma jopponix l-abbozz ta' Regolament inkwistjoni.

---

<sup>4</sup> dok. 13062/16 + ADD1.